bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia)
vs
Avertano sive Everest Callus, iben Francis, imwieled Floriana fit-8 ta' diċembru, 1953

Illum, 31 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. f'isem l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli fit-8 ta' diċembru, 2001, u matul il-ġranet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, uża xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn proditur awtorizzat għal għan li mhux dak li għalih ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu mill-provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew;
2. talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh tal-Prim' Imħallef Dr. Noel Arrigo LL.D. u il-familja tiegħu, weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, b'kkitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor;
3. talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanżi, inġurja u hedded lill-Prim' Imħallef Dr. Noel Arrigo LL.D. bil-ħsieb li jbezzgħu, itellef jew inaqqas il-ġieh tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-31 ta' lulju, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' lulju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 93(1)(2) u 252(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.